MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 148/1999/1

**Michael Cremona**

**-vs-**

**Fortunato Buhagiar u martu Evangelista sive Yvonne Buhagiar**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi huwa eredi universali ta' Emanuel Spiteri, bin il-mejtin Salvu u Angela nee' Spiteri, illi kien jigi z-ziju matern tieghu u li miet fl-ewwel ta' Novembru elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), u dan kif jirrizulta mit-testment tieghu fl-atti

tan-Nutar Paul George Pisani tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Ottubru elf disa’ mija u sebgha u tmenin (1987) - testament markat Dokument A.

Illi fost il-beni li kien jippossjedi dan Emanuel Spiteri hemm kamra diviza b’mandretta annessa maghha tal-kejl ta’ cirka zewg kejliet jew kejl verjuri, liema kamra u mandretta dari kienu jifformaw parti mill-fond bla numru (dari maghruf bin-numru tnejn (2), Triq Pergla, Xaghra u konfinanti din il-kamra nkluz il-mandretta mill-majjistral ma’ beni ohra illum proprjeta’ tal-konvenuti, tramuntana ma’ Triq Ghajn Barrani u nofsinhar ma’ passagg, jew irjieh verjuri u liema kamra hija accessibbli minn bitha komuni - pjanta u site plan markata Dokument B.

Illi din il-kamra u l-mandretta kien ilhom fil-pussess esklussiv ta’ l-imsemmi Emanuel Spiteri ghal ‘il fuq minn hamsa u sittin sena u l-attur jiftakar lil zijuh jghid illi huwa kien akkwista l-proprjeta’ minghand certu Rosa miz-Zebbug, li kienet tigi zija paterna tieghu u li kien hallas il-flus biex akkwista din il-kamra bil-mandretta ta’ maghha.

Illi f’din il-kamra Emanuel Spiteri kien irabbi l-annimali u baqa’ jaghmel uzu minnha sakemm miet;

Illi wara l-mewt tieghu kemm il-kamra kif ukoll il-mandretta ta’ maghha sa kienu gew debitament iddikjarati fid-denunzja tas-successjoni li ggib in-numru ittra G numri tnejn u sebghin sbarra tat-tmienja u tmenin (G72/88) ipprezentata fid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni tad-dsatax (19) ta’ Frar elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988) - denunzja markata Dokument C.

Illi b’kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-ghoxrin (20) ta’ Gunju elf disa’ mija u disghin (1990), l-attur akkwista minghand id-Djocesi ta’ Ghawdex in-nofs indiviz ta’ l-assi kollha li jien jipposjedi l-mejjet Emanuel Spiteri, liema nofs indiviz kien gie mholli b’legat bil-precitat testment lill-Knisja Parrokkjali tax-Xaghra, Ghawdex sabiex ir-rikavat mill-bejgh ta’ dawn l-assi jigu erogati f’quddiem ghar-ruh it-testatur - kuntratt markat Dokument D.

Illi nkluz fit-trasferiment li sar bil-precitat kuntratt, kienet giet ukoll ittrasferita favur l-attur in-nofs indiviz tal-kamra u l-mandretta fuq imsemmija.

Illi l-attur dejjem jaf li l-kamra u l-mandretta kienu dejjem fil-pussess esklussiv ta' zijuh Emanuel Spiteri u wara l-mewt tieghu, il-proprjeta' giet fil-pussess ta' l-attur.

Illi ricentement, ghall-habta ta' Frar 1999, il-konvenuti jew min minnhom immolestaw lill-attur fil-pussess tal-kamra u l-mandretta billi sgassaw il-bieb tal-kamra u dahlu go fiha u bdew jippretendu li l-imsemmija kamra u l-mandretta hija effettivament proprjeta' taghhom.

Illi l-konvenuti kienu jafu li l-kamra u l-mandretta kienu ta' l-attur u li qatt ma setghu jkunu taghhom billi precedentement ghal dan l-incident sa kienu avvicinaw lill-attur diversi drabi u kienu talbuhielu biex jixtruha minghandu.

Illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi molestja tal-pussess da parti ta' l-attur tal-kamra u l-mandretta fuq imsemmija;

Illi l-attur irid li jigi mantnut fil-pussess ta' l-imsemmija kamra u mandretta.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta' l-attur il-konvenuti naqsu li jiddesistu mill-molestja imsemmija.

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti kkommettew molestja fil-pussess ta' l-attur meta dahlu u okkupaw il-kamra u l-mandretta fuq deskritti.

2. konsegwentement tikkundannahom jirripristinaw lill-attur fil-pussess tal-kamra u l-mandretta fuq imsemmija billi jigu ordnati li jiddesistu milli jidhlu aktar fl-istess proprjeta' u jhalluha a libera disposizzjoni ta' l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu 1999 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharkin.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi biex tirnexxi din l-azzjoni l-attur irid jipprova pussess skond ma trid il-ligi fil-kaz ta’ l-*actio manutentionis*.

2. illi fi kwalunkwe kaz il-konvenuti ma mmolestawx lill-attur fil-pussess tal-kawza msemmija fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fis-seduta tal-lum stess fejn ammettew it-talba pero’ zammew ferm id-drittijiet taghhom ta’ proprjeta’ fuq l-proprjetajiet mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur u tiddikjara li l-konvenuti kkomettew molestja fil-pussess tieghu meta dahlu u okkupaw l-kamra u l-mandretta fuq deskritti.

Tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw lill-attur fil-pussess tal-kamra u l-mandretta fuq imsemmija. B’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenuti fil-petitorju.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu 1999 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------